MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 543/2003

**SEDUTA TAT-3 ta'Ottubru 2003**

**Citazzjoni Numru:543/03**
**Bank of Valletta plc**
**Vs**
**Jason Joe Sultana**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha l-Bank attur wara li ppremetta:

Illi permezz ta' zewg skritturi privati datati 29 ta' Novembru 2000 u 16 ta' Jannar 2001 (Dok A u B) is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lill-konvenut Jason Joe Sultanta;

Illi s-socjeta attrici tinsab kreditrici tal-konvenut Jason Joe Sultana fis-somma ta' ghaxart elef u tnejn u tletin Liri Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm10,032.23) bilanc

ghad-debitu fil-'Loan Accounts' ta' Jason Joe Sultana mal-Bank of Valletta plc.(Dok C1 sa C4; Dok D1 sa D3, Dok E1 sa E2, u Dok F1 sa F10) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 t'April 2003 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-imsemmija zewg skritturi privati datati 29 ta' Novembru 2000 u 16 ta' Jannar 2001 fuq imsemmija partikolarment imma mhux esklussivament billi l-konvenut Jason Joe Sultana (a)naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi privati, u (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess skrittura privata sopraindikata, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenut Jason Joe Sultana li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenut iddekada mill- beneficju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa;

Illi l-konvenut gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 4 ta' Lulju 2002 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok G, sabiex ihallas id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa' inadempenti.

Talab lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija,

1) Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati datati 29 ta' Novembru 2000 u 16 ta' Jannar 2001 fuq imsemmija partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenut Jason Joe Sultana (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi privati, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra assunti fl-istess skritturi privati sopraindikati u/jew , (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenut Jason Joe Sultana li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu lis-socjeta' attrici.

2) Tikkundanna lil Jason Joe Sultana ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' ghaxart elef u tnejn u tletin Liri Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm10.032.23) bilanc ghad-debitu fil-'Loan Account' ta' Jason Joe Sultana mal-Bank of Valletta plc. (Dok C1 Sa C4, Dok D1 sa Dok D3; Dok

E1 sa E2, u Dok F1 sa F10) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 t'April 2003 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 4 ta' Lulju 2002 u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Inibizzjoni li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-konvenut tal-24 ta' Settembru, 2003 li biha ammetta t-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati;

Fuq ammissjoni tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tal-bank attur kif dedotti fic-citazzjoni bl-imghaxijiet legali kif mitluba u bl-ispejjes kontra l-konvenut.

Imhallef

Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------